PRIME MINISTER
AUBERGE DE CASTILLE, VALLETTA, MALTA

Illum l-4 ta' Frar 2016

Lill-President ta' Malta
Fil-kwalita' taghha ta' Chairperson tal-Kummissjoni
Ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja

Eccellenza,

Il-Kostituzzjoni fl-Artikolu 101 (11) (c) tipprovdi li fost il-funzjonijiet taghha l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja , meta tkun hekk mitluba mill-Prim Ministru, ghandha taghti parir fuq kull hatra ta', fost ohrajn, Magistrati tal-Qrati Inferjuri li jinhatru in forza tal-Artikolu 100 tal-Kostituzzjoni. Ilbierah thabbar li l-Kabinett approva li l-Avukat Ingrid Zammit Young tinhatar Magistrat tal-Qrati Inferjuri.

Sussegwentement ghall-pubblikazzjoni ta' dan l-isem, tqajmet domanda inkluz fil-Kamra tad-Deputati dwar jekk l-imsemmija Dottor Ingrid Zammit Young hijiex impedita milli sservi ta' Magistrat tal-Qrati Inferjuri peress li hija fl-ahhar xhur kienet tokkupa l-kariga ta' Chairperson tal-Kummissjoni dwar l-Impiegi.

L-artiklu 120(4) tal-Kostituzzjoni jispecifika li "Membru tal-Kummissjoni dwar l-Impiegi ma għandux, għeluq perijodu ta' tliet snin li jibda mill-ġurnata li fiha kellu kariga jew aġixxa l-aħħar bħala membru, ikun eliġibbli għal ħatra jew biex jaġixxi f'xi kariga pubblika."

"Kariga pubblika" hija definita fl-Artikolu 124 (1) tal-Kostituzzjoni bhala "kariga bi hlas fis-servizz pubbliku" u "is-servizz pubbliku" huwa definit bhala "is-servizz tal-Gvern ta' Malta f'kariga civili" pero' dan "bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3)" tal-Artikolu 124.

L-artiklu 124(2) tal-Kostituzzjoni, imbaghad, jispecifika li fil-Kostituzzjoni "kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tfissirx xort'oħra", "is-servizz pubbliku" tinkludi servizz, fost ohrajn, fil-kariga ta' Maġistrat tal-Qrati Inferjuri. Ghalhekk tezisti kwalifika ghall-eccezzjoni li biha s-servizz fil-kariga ta' Magistrat huwa kkunsidrat bhala servizz f'kariga pubblika fis-sens illi tali eccezzjoni tapplika biss sakemm "ir-rabta tal-kliem ma tfissirx xort'ohra" u cioe sakemm dik l-inkluzjoni ma tkunx inkonsonanti mal-kuntest tal-artikolu Kostituzzjonali partikolari.

Il-Gvern hu wkoll informat li seta' kien hemm precedenti u kazijiet analogi li jistghu jghinu fl-ahjar interpretazzjoni ta' dawn id-dispozizzjonijiet. Il-Gvern ikun dispost li jiddiskutihom mal-istess Kummissjoni.

Ghaldaqstant qed nitlob lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja biex preferibilment b' mod spedit taghtini parir dwar jekk l-Avukat Ingrid Zammit Young tissodisfax ir-rekwiziti kollha li trid il-Kostituzzjoni biex isservi ta' Magistrat fil-Qrati Inferjuri jew inkella jekk hemmx impedimenti li ma jippermettux il-hatra taghha fil-kuntest imfisser hawn fuq.

Dejjem tieghek,

Joseph Muscat
Prim Ministru